MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Numru 797/2008

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)

vs

Mark Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 449371(M), akkuzat talli mill-Isptar Saint James, sitwat f'Misrah San Gakbu, Haz-Zabbar, fil-lejl ta' bejn nhar il-Gimgha u s-Sibt 27 u 28 ta' Lulju 2007 ghall-habta ta' xi l-hamsa nieqes ghaxar minuti ta' filghodu:

i. ikkommetta serq ta’ zewg *Melita Cable decoders* li l-valur taghhom huwa ta’ madwar €172.37 (mija u tnejn u sebghin euro u seba u tletin centezmu) ekwivalenti ghal Lm 74 (erbgha u sebghin Liri Maltin) ghad-dannu tad-Direttur tas-Saint James Hospital, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

ii. aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, xjentament ilqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentament b’kull mod li jkun, indhalt sabiex tbieghhom jew tmexxihom;

iii. aktar talli rredejt ruhek ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigghu mibdula jew imhassra;

iv. fl-ahharnett ikkommetta reat li ghalih hemm perjodu ta’ prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dottor Anthony J. Vella LL.D, nhar l-1 ta’ Frar, 2007).

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament:

Semghet ix-xhieda;

Ikkonsidrat:

Il-provi ma jhallu ebda dubbju dwar r- rejita’ tal-imputat.

Rat l-Artikoli 261 (b) u (f), 49,50,289, 264, 270, 28A tal-Kap 9.

Tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal-zmien sena mill-lum.

Il-Qorti fissret ir-responsabilita’ tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------